# Rapport ta' ħidma

**Dekasteru:** Anzjani

**Kunsill Lokali:** Belt Valletta

**Perjodu:** Lulju 2019 – Jannar 2020

**Kunsillier:** Raymond Azzopardi

---

Is-sotto kumitat għall-anzjani ġie ffurmat f'Settembru 2019. Il-formazjoni tas-sotto kumitat hi, il-viċi Sindku Raymond Azzopardi chairperson, Monalita Balzan segretarja, Lilian Azzopardi, Vincent Grech Mallia, Noel Muscat u Anthony Polidano membri.

L-Għan ta' dan is-sotto kumitat ser jkun biex ngħinu lill-anzjani Beltin fil-bżonnijiet tagħhom, filwaqt wkoll li norganiżżawlhom attivitajiet rikrejativi kif ukoll edukativi.

Sa Jannar 2020 saru erba' laqgħat f'dawn id-dati;

9 ta' Settembru 2019

9 ta' Ottubru 2019

13 ta' Novembru 2019

7 ta' Jannar 2020

Koppji tal-Agenda u Minuti ġew mgħotija lis-Segretaja tal-kunsill lokali Valletta

Biex inżommu l-anzjani attivi saru diversi attivitajiet. Fis-16 ta' Ottubru 2019 saret quddiesa fil-Basilika tal-Madonna tal-Karmnu u wara kellhom xi haġa tal-ikel u xorb ġewwa 'The Undercroft'. Din l-attivita' ġiet mħallsa mill-kunsill Lokali.

Fil-25 ta' Novembru 2019 ġiet organiżżata żjara fil-Palazz tal-President fejn saret quddiesa fil-kappella tal-Palazz,u wara kellna laqgħa mal- ET President, u kien hemm ħin għal xi ikel u xorb. Preżentajna wkoll donazzjoni għall-Community Chest Fund ta' €510.00. Il-Kunsill Lokali ħallas it-transport.

Bħala inizjativa oħra biex inkunu viċin l-anzjani sar programm fuq ir-radju 'Radio City' – 'Il-Leħen tal-anzjani immexxi minn Raymond Azzopardi.

Fis-sotto kumitat jiġu indirizzati problemi li jiltaqgħu magħhom l-anzjani, fosthom perikli fi toroq minħabba l-istat tagħhom, nuqqas ta' dawl f'ċerti żoni, problemi tat-transport pubbliku etc. Il-Viċi Sindku jieħu ħsieb biex jissolvew dawn il-problemi.

**Raymond Azzopardi** — **Monalita Balzan**

**Viċi Sindku / Chairperson** — **Segretarja**